# DEĊIŻJONIJIET
## TAL-
# QRATI SUPERJURI TA' MALTA

---

## L-EWWEL PARTI
## QORTI TA' L-APPELL

---

## L-EWWEL SEZZJONI — AWLA ĊIVILI

---

10 ta' Jannar, 1955

Imħallfin :—
Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Nutar Dr. Rosario Frendo Randon
*versus*
Onor. Dr. Paolo Beffa ne. et

**Kuruna — Trieq — Beni Vakanti — Xogħlijiet Pubbliċi — Drenaġġ — Ilma — Preskrizzjoni — Pussess — Art. 364, 2212 (1) u 2216 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta fil-kuntratt ta' trasferiment ta' fond jissemma biss li gie trasferit il-fond, u ma jissemmiex espressament illi giet anki trasferita l-parti tat-triq koerenti miegħu, ma jistgħax jingħad illi dik il-parti tat-triq giet trasferita mal-fond; u għalhekk dik il-parti tibqa' proprjetà ta' min kien jippossjediha qabel dak it-trasferiment.*

*Il-beni vakanti huma tal-Kuruna; u vakanti huma dawk il-beni li ma għandhomx sid, għax jew minnu abbandunati, jew għax is-sid*

*taghhom miet mingħajr ma ħalla la eredi u lanqas suċċessuri irregolari. U min jallega li xi beni huma vakanti, irid jipprova li dawk il-beni ma għandhomx sid, jew li sidhom miet mingħajr ma ħalla eredi jew suċċessuri irregolari; u mhux biżżejjed li huwa jallega li ma jirriżultax min issuċċieda lil dik il-persuna li kienet tippossjedi dawk il-beni.*

*Konsegwentement, meta l-parti tat-trieq koerenti mal-fond li ġie trasferit ma tkunx ġiet trasferita mal-fond, u għalhekk baqgħet tappartjeni lil min kien jippossjediha qabel dak it-trasferiment, ma jistgħax jiġi sostnut li dik il-parti tat-trieq saret tal-Gvern għax hija vakanti, sempliċement għax ma hux magħruf min issuċċieda lill-persuna li kienet tippossjedi dik il-parti tat-trieq qabel ma sar it-trasferiment tal-fond.*

*Lanqas ma' jista' jiġi sostnut li dik il-parti tat-trieq saret tal-Gvern bil-preskrizzjoni immemorjali, jew almenu triġenarja, jekk ma jirriżultax li l-Gvern irreklamaha jew b'xi mod wera l-intenzjoni tiegħu li jakkwistaha, u li kellu l-pussess tagħha rivestit bil-karattri li trid il-liġi għall-finijiet tal-preskrizzjoni akkwiżitiva, u għaż-żmien preskritt mill-liġi għal dik il-preskrizzjoni. U ma jistgħax jingħad li l-Gvern kellu dak il-pussess għax xi darba għamel xi xogħlijiet fit-trieq, bħal ma huma l-mogħdija tad-drenaġġ u ta' l-ilma; għax dawk ix-xogħlijiet għandhom jiġu kunsidrati li saru għal skop ta' utilità pubblika, u mhux bħala atti kostitwenti pussess għall-finijiet tal-preskrizzjoni.*

*U kieku stess il-Gvern kellu dak il-pussess, lanqas ma jista' jingħad li l-Gvern akkwista dik il-parti tat-trieq bil-preskrizzjoni, jekk il-Gvern qatt ma jkun irreklamaha; għax mhix aċċettabbli l-allegazzjoni li, jekk il-Gvern kellu dak il-pussess, allura l-preskrizzjoni operat ruħha favur tiegħu "ipso jure" u ma jistgħax jirrinunzja għaliha.*

*Trieq viċinali hija preżunta trieq pubblika, u kwindi proprjetà ta' l-istat, fil-każ biss li ma jirriżultax li oriġinarjament dik it-trieq ġiet kostruwita fuq art privata; altrimenti t-trieq hija privata, u l-preżunzjoni li t-trieq hija pubblika ma tikkonkorrix. U t-trieq viċinali, avvolja privata, hija suġġetta għas-servitù pubblika ta' transitu u ta' użu; u l-Gvern għandu dritt jagħmel fiha, mhux "jure gestionis", imma "jure imperii", dawk ix-xogħlijiet li jeħ-*

*tiegħu fl-interess tal-pubbliku; imma l-oneri tat-trieq jibqa' fuq il-privat, għax it-trieq tibqa' tal-privat.*

*It-trieq ma ssirx tal-Gvern bil-preskrizzjoni akkwiżitiva meta l-Gvern qatt ma ppretenda, u ma jippretendix, li akkwista t-trieq; għax l-eżukazzjoni ma tistgħax tiġi imposta fuq il-parti li ma tridhiex u ma hix qegħedha tirreklamaha. U biex il-Qorti tagħti effett għall-preskrizzjoni, jeħtieġ li tiġi allegata mill-parti interessata.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-attur, wara li ppremetta *illi huwa hu proprjetarju tad-dar* "Villa Belveder", San Ġiljan, li tagħti fuq Bay Street; u illi huwa, bħala aventi kawża ta' Dr. Achille Mamo, ma għandux il-proprjetà tal-parti tat-trieq in kwistjoni adjaċenti għad-dar tiegħu; u illi din it-trieq in kwistjoni, jew aħjar il-biċċa minnha imsemmija, hi "via publica", u l-Gvern għandu l-pussess, jekk mhux immemorjali almenu triġenarju, tagħha, u għalhekk hi proprjetà tal-Gvern; talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, jiġi *dikjarat* u *deċiż minn din il-Qorti* (1) illi l-parti ta' Bay Street, San Ġiljan, adjaċenti għall-Villa Belveder, konfinata mill-majjistral ma' Strada Birkirkara, mill-lbiċ ma' beni tal-attur, mix-xlokk ma' parti oħra tal-istess trieq, u mill-grigal ma' prolungament ieħor tal-istess trieq, koerenti mal-beni ta' l-eredi ta' Giuseppe Sammut, mhix proprjetà tiegħu; u (2) illi l-imsemmija parti ta' Bay Street, hi proprjetà tal-Gvern għar-raġunijiet imsemmija u kif jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li ġew ingunti biex *jidhru* għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kollha, fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, li biha jeċċepixxu, preliminarment, illi l-ewwel domanda hija superfluwa, għaliex diretta għal dikjarazzjoni negativa li ma tistax tkun bażata ħlief fuq il-prova kuntrarja li tikkostitwixxi l-meritu tat-tieni domanda, u anzi ssegwi neċessarjament mit-tieni domanda, mingħajr ebda neċessità ta' dikjarazzjonijiet oħra; fil-meritu, illi l-attur jammetti illi huwa proprjetarju ta' bini adjaċenti għat-trieq fil-kwistjoni, u għalhekk huwa preżunt proprjetarju tat-trieq; din il-preżunzjoni mhix suxxettiva ta' prova kun-

trarja ħlief fir-relazzjonijiet bejn il-preżunt proprjetarju u t-terzi, u l-Gvern taħt ebda aspett ma jista' jiġi kunsidrat bħala terz f'din il-*kwistjoni* (*art.* 13 (9) (ii) Kap. 13); illi anki jekk, għal grazzja ta' l-argument, il-Gvern huwa terz, l-azzjoni ta' l-attur tibqa' dejjem għal kollox infondata, billi (a) il-preskrizzjoni akkwiżitiva *bil-pussess* trentennali ma toperax "di pieno diritto", u ma tistax tiġi kunsidrata jew indagata ħlief meta tiġi nkovata mill-parti li talvolta tkun iddekorriet favur tagħha, kif għandu *jiġi deżunt* mill-art. 2216 tal-Kodiċi Ċivili, (b) u l-Gvern qatt ma pposjeda t-triq fil-kwistjoni, u wisq anqas ipposjediha bil-kondizzjonijiet indikati fl-art. 2212 (1) għall-finijiet *tal-preskrizzjoni*; u illi t-triq qatt ma ġiet trasferita lill-Gvern;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-23 ta' Novembru, 1953, li biha ddeċidiet billi rrespinġiet *it-tieni talba* ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u ħalliet il-kawża "sine die", riappuntabili b'rikors minn kull waħda mill-partijiet, biex eventwalment tiġi *trattata l-ewwel talba*, wara illi s-sentenza tkun għaddiet f'ġudikat; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi, kif ġie rilevat fit-trattazzjoni tal-kawża, u kif jidher minn *nota ta' l-osservazzjonijiet ta'* l-attur, jirriżulta illi dana hu l-proprjetarju tad-dar "Villa Belveder", li qegħda fi Triq Birkirkara, kantuniera ma' Bay Street, San Ġiljan. B'sentenza tal-31 ta' *Mejju*, 1949, *il-Qorti* Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta sabet lill-attur ħati, u kkundannatu, talli fl-aħħar sitt xhur mid-data ta' l-akkuża huwa kien ħalla l-*parti tat-triq*, koerenti mal-proprjetà tiegħu, fi stat ħażin. L-attur appella minn dik is-sentenza, u fit-tieni istanza huwa eċċepixxa illi mhuwiex proprjetarju tal-parti tat-triq fil-*kwistjoni*, u illi dik il-proprjetà hi tal-Gvern. Il-Qorti ta' l-Appell, fuq dik l-eċċezzjoni, issoprassediet minn dak l-appell biex l-attur ikun jista' jġib 'il quddiem il-pretensjoni tiegħu f'*sedi ċivili*. U hekk ġiet din il-kawża;

Illi l-attur qiegħed jitlob żewġ dikjarazzjonijiet; (1) illi huwa mhuwiex il-proprjetarju tal-parti tat-triq fil-kwistjoni, u (2) illi dik *il-parti tat-triq* hi proprjetà tal-Gvern. Kif jidher mill-verbal tas-seduta tas-16 ta' Novembru, 1953, il-partijiet jaqblu illi dina l-Qorti tiddeċidi qabel xejn it-tieni

domanda, u dan mingħajr preġudizzju ta' l-ewwel domanda u ta' l-eċċezzjonijiet relativi għaliha;

Ikkunsidrat, dwar it-tieni domanda ta' l-attur;

Illi l-attur jibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq dawn ir-raġunijiet :— (1) it-trieq fuq imsemmija fetaħha Salvatore Baldacchino; dan bena fuqha fond, il-lum "Villa Belveder"; b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Pietro Mifsud tad-19 ta' Diċembru, 1884, l-eredi u l-armla ta' Salvatore Baldacchino ittrasferew dak *il-fond* lil Dr. Achille Mamo, li minnu għandu kawża l-attur, imma ma ttrasferewlux ukoll il-parti tat-trieq koerenti miegħu, u għalhekk dik l-istess parti tat-trieq ma għaddietx għand Dr. Mamo; mhux magħruf min issuċċieda lil Salvatore Baldacchino fil-proprjetà tat-trieq, u għalhekk it-trieq tista' tiġi kunsidrata bħala abbandunata, u l-beni vakanti huma tal-Gvern; (2) il-Gvern għandu wkoll il-pussess triġenarju, anzi immemorjali, ta' din it-trieq, kif ukoll il-pussess ordinarju, billi huwa fis-sena 1903, għadda minnha d-drenaġġ, fis-sena 1905 sewwiha, u fis-sena 1914 għadda l-ilma minnha; (3) l-istess trieq hi ukoll tal-Gvern għax, in teorija, it-trieqat jappartjenu lill-Istat, peress illi huma destinati għall-użu talpubbliku;

Illi, dwar l-ewwel *sottomissjoni* ta' l-attur, jirriżulta illi bil-kuntratt ġa msemmi l-mara tal-mejjet Salvatore Baldacchino u ulied dan ittrasferew lil Dr. Achille Mamo, li xtara u akkwista, il-fond li l-lum jidher illi hu dak Villa Belveder, proprjetà ta' l-attur, u l-parti tat-trieq koerenti ma' l-istess fond ma ġietx trasferita lill-akkwirent. Konsegwentement, ladarba b'dak il-kuntratt jissemma biss illi ġie trasferit il-fond, u ma jissemmiex espressament illi ġiet trasferita miegħu l-parti tat-trieq koerenti miegħu, ma jistax jingħad illi l-istess parti tat-trieq ġiet trasferita mal-fond (Vol. XVIII-II-134; XXI-I-468; XXIX-II-893). Għalhekk l-attur jissottometti illi dik il-parti tat-trieq, ladarba ma ġietx trasferita lil Dr. Achille Mamo, baqgħet ta' l-eredi u suċċessuri ta' Salvatore Baldacchino; imma billi minn imkien ma jirriżulta min issuċċieda lil ta' Baldacchino fil-proprjetà ta' din it-trieq (fol. 54), l-istess tista' tiġi kunsidrata bħala abbandunata jew vakanti,

u bħala tali saret u hi proprjetà tal-Gvern, billi l-beni vakanti huma tal-Gvern;

Dwar daqshekk jingħad illi l-attur ma ppruvax illi dik il-parti tat-trieq ġiet mis-sid jew mis-sidien tagħha abbandunata, u l-anqas illi l-istess saret vakanti. Huma meqjusa bħala abbandunati dawk il-beni "che il proprietario ha abbandonato con intenzione di non esserne proprietario" (Baudry-Lacantinerie, Delle Successioni, Vol. I, para. 34; Laurent, Diritto Civile, Vol. VI, para. 39); u l-attur ma ppruvax illi s-suċċessuri ta' Salvatore Baldacchino abbandunaw dik il-parti tat-trieq bl-intenzjoni li ma jeħduhiex iżjed; anzi, kif jgħid l-istess attur, dawn is-suċċessuri mhumiex magħrufa, u għalhekk huwa ma jistax jgħid jew jaf dawn x'għamlu;

Skond il-liġi (art. 364 Kap. 23), il-beni bla sid huma tal-Kuruna. Skond il-Kodiċi Franċiż, "tutti i beni vacanti e senza padrone appartengono al dominio pubblico" (art. 539); "tutti i beni che non hanno padrone appartengono allo Stato" (art. 813). Lill-Kuruna jappartjenu l-beni vakanti, jew dawk li tagħhom m'hemmx la eredi u lanqas suċċessuri irregolari (Laurent, Diritto Civile, Vol. IX, para. 145). U, kif ingħad, l-attur ma ppruvax illi dik il-parti tat-trieq ma għandhiex sid jew sidien, jew illi ma baqgħax eredi jew suċċessuri, anki irregolari, ta' Salvatore Baldacchino, imma biss allega illi ma jirriżultax min issuċċieda lil ta' Baldacchino. Fiż-żewġ każi, mbagħad, l-attur lanqas ma pprova illi l-Gvern qatt ippretenda illi dik il-parti tat-trieq saret tiegħu għaliex ġiet minn sidha abbandunata, jew illi l-Gvern, bħala l-aħħar mis-suċċessuri "ab intestato", u fin-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' eredi leġittimi jew suċċessuri irregolari ta' Salvatore Baldacchino, irreklama dik il-parti tat-trieq;

Għalhekk din is-sottomissjoni ta' l-attur mhix sostenibili;

Illi, dwar it-tieni sottomissjoni fuq imsemmija, l-attur jippretendi illi dik il-parti tat-trieq saret tal-Gvern bil-preskrizzjoni akkwiżitiva immemorjali, jew almenu triġenarja. Skond il-liġi, il-preskrizzjoni akkwiżitiva hi dak il-mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, u mhux miksur, paċifiku, publiku, u mhux ekwivoku, għal żmien li trid il-liġi (art. 2212 (1) Kap. 23). Bħala tali, il-preskrizzjoni akkwiżi-

*tiva hi dritt* "che ci fa acquistare il dominio di proprietà di una cosa" (Pothier, Della Prescrizione, art. prel.); hi dak il-mezz "di acquistare la *proprietà* dei beni e certi diritti reali" (Duranton, Della Prescrizione, Tomo XXI, para. 75); dik "con la quale si acquista un *diritto*" (Laurent, Diritto Civile, Vol. XXII, para. 1.); dik "che ci fa acquistare la proprietà di una cosa" (Baudry-Lacantinerie, Della Prescrizione, para. 24). *It-tagħlim tad-dottrina ġuridika* hu għalhekk *unanimi* illi l-preskrizzjoni tista' tiġi biss invokata minn dak li jkun *jrid jeżerċitaha*, u qatt ma *tista'* tiġi *mposta* fuq ħadd kontra r-rieda tiegħu, billi, kif jesprimi ruħu r-Ricci (Diritto Civile, Vol. V, para. 146), "...... la legge ...... non può, nè vuole, attribuire questo diritto a chi ha in suo favore il tempo necessario ad indurre la *prescrizione* contro la volontà di lui, in omaggio al principio che non si può alcuno obbligare ad acquistare un dominio contro sua volontà". Għalhekk, ladarba l-Gvern ma jidherx illi qatt irreklama, jew b'xi mod wera l-intenzjoni li jrid jakkwista dik il-parti tat-trieq, l-istess ma *tistax tiġi* kunsidrata li *ġiet* akkwistata minnu bil-preskrizzjoni;

*Illi lanqas* ma tista' tiġi milqugħa s-sottomissjoni l-oħra ta' l-attur, dik jiġifieri li l-Gvern kellu l-pussess ordinarju ta' l-istess parti tat-trieq, *billi*, kif jallega l-attur, il-Gvern neħħa l-parapett tad-dar tiegħu, fl-1903 għadda minn hemm id-drenaġġ, fl-1905 sewwa dik *it-trieq*, u fl-1914 għadda l-ilma minnha. Mill-provi jirriżulta biss illi fis-sena 1909 il-Gvern sewwa parti minn dik it-trieq, imma mhux il-parti tat-trieq fil-*kwistjoni*, wara li d-*Dipartiment* ta' l-Ilma *kien eżegwixxa* xi xogħlijiet hemmhekk; imma ġie abbondantement pruvat illi *l-parti tat-trieq* fil-kwistjoni qatt ma ssewwiet, la mill-Gvern u lanqas minn ħadd;

*Imma, ukoll jekk* il-Gvern għamel xi xogħlijiet bħal dak tal-mogħdija tad-drenaġġ, kif allegat mill-attur, l-istess xogħlijiet għandhom jiġu kunsidrati li saru għal skopijiet ta' utilità pubblika, u mhux bħala atti kostitwenti pussess għall-finijiet tal-preskrizzjoni (Vol. XXIV-I-745). U anki kieku kien hemm dan il-pussess, ma jistax jingħad, għar-raġunijiet fuq imsemmija, illi l-Gvern akkwista bil-preskrizzjoni *dik il-*

parti tat-trieq, ladarba huwa qatt ma rreklamaha. L-attur jissottometti illi, jekk il-Gvern kellu dak il-pussess, il-preskrizzjoni operat fih "ipso jure", u l-Gvern ma jistax jirrinunzja għaliha. Imma, kif jgħallem ir-Ricci (*loc. ċit.*), "*quando noi diciamo che la prescrizione opera anche prima che sia opposta, non escludiamo il concorso necessario della volontà di colui che ha in suo favore la prescrizione relativa all'acquisto del diritto concesso dalla legge come effetto della prescrizione*";

Illi, dwar it-tielet sottomissjoni, l-attur jippretendi illi t-trieq ġa msemmija hija trieq pubblika, għaliex taqa' taħt il-kategorija ta' dawk li fid-Dritt Ruman kienu jissejħu "vicinales". F'dan id-Dritt it-triegat kienu jiġu distinti fi tliet kategoriji, skond il-prinċipju klassiku ta' Ulpiano, li biħ "viarum quaedam publicae sunt, quaedam privatae, quaedam vicinales" (*fr.* 2 para. 22 Dig Ne quid in hoc loc. publ.). Trieqat viċinali kienu dawk li "in vicis sunt, vel quae in vicos ducunt". Però, il-Liġi Rumana kienet tippreżumi ta' proprjetà demanjali trieq konviċinali meta ma kienx jiġi pruvat illi oriġinarjament dik it-trieq kienet ġiet kostruwita fuq proprjetà privata; anzi d-Dritt Ruman kien japplika l-istess preżunzjoni anki meta, għalkemm it-trieq viċinali kienet ġiet kostruwita fuq art privata, b'dan kollu ma jkunx baqa' ebda memorja ta' l-ispettanza privata ta' din l-art. "Viae vicinales quae ex agris privatorum collatae factae sunt, quarum memoria non exstat, publicarum viarum numero sunt" (fr. 3 *Dig. De locis et* itin. publ.), "Viae vicinales de jure ...... privatae non autem publicae censentur, quatenus exstat memoria quod ex adiacentibus privatorum agris conflatae sunt, secus autem si talis memoria exstat, cum tunc inter publicas potius numerandae" (Kardinal De Luca, De Servitutibus, Disc. 69, no. 8);

L-istess prinċipji ġew adottati mill-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati (*Vol.* X, 270), u *mill-ġurisprudenza* taljana (Coen, voce Strade Vicinali, para. 12, 13);

Stabbiliti dawn il-prinċipji, lanqas l-aħħar pretensjoni ta' l-attur ma hi sostenibili. Tabilħaqq, mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar *Giuseppe* Antonio Parodi tat-3 ta' Ġunju, 1862, jirriżulta illi Salvatore Baldacchino kien akkwista minngħand

Guglielmo Grant u oħrajn porzjoni tal-għalqa msejħa "Iċ-Ċens tal-Kalkara", li kienet tikkomprendi "canne diecinnove e palmi quattro maltesi in lunghezza e canne sette e tre palmi in larghezza". Fuq din il-porzjoni ta' art Salvatore Baldacchino bena dar, il-lum Villa Belveder, proprjetà ta' l-attur, li biegħha lil Dr. Achille Mamo bil-kuntratt tad-19 ta' Diċembru, 1884, fl-atti tan-Nutar Pietro Mifsud. B'dan il-mod jidher ċar mhux biss illi l-parti tat-trieq fil-kwistjoni ġiet formata "*ex agris privatorum*", imma hu ukoll magħruf meta saret il-formazzjoni ta' dik it-trieq. Għalhekk ma tikkonkorrix f'dan il-każ il-preżunzjoni li dik il-parti tat-trieq hi viċinali u publika. L-attur, imbagħad, jammetti fix-xhieda tiegħu (fol. 18 tergo) illi qatt ma kien hemm trasferiment ta' l-istess parti tat-trieq lill-Gvern;

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi ma jidherx illi l-parti tat-trieq ġa msemmija hi tal-Gvern;

Rat fil-fol. 100 il-petizzjoni ta' l-attur, li biha talab li tiġi revokata s-sentenza fuq imsemmija, u li tiġi akkolta t-tieni domanda kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-pont devolut għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti huwa dak kontenut fit-tieni domanda taċ-ċitazzjoni, vwoldiri jekk il-parti ta' Bay Street, imsemmija fiċ-ċitazzjoni, hijiex proprjetà tal-Gvern, kif jippretendi l-attur, jew le. B'dan l-appell il-Qorti mhix imsejħa tgħid jekk dik il-parti ta' l-imsemmija trieq hijiex jew ma hijiex proprjetà ta' l-attur, għax dan il-punt hu meritu ta' l-ewwel domanda. Hu intuwitiv li l-prova ta' dak li l-attur jippretendi, li ċjoè dik il-parti tat-trieq hi tal-Gvern, tmiss lilu;

It-teżi ta' l-attur hi din: it-trieq in kwistjoni fetaħha Salvatore Baldacchino; meta l-eredi tiegħu u l-armla tiegħu ttrasferew lil Dr. Achille Mamo, awtur ta' l-attur, il-Villa Belveder, ma kienetx kompriża fit-trasferiment il-parti tat-trieq koerenti mal-Villa; ma jirriżultax min huma s-suċċessuri attwali ta' Baldacchino; kwindi it-trieq tista' tiġi kun-

*sidrata* bħala *abbandunata*; *il-beni* vakanti huma, skond il-liġi, tal-Gvern; ergo t-trieq hija tal-Gvern. In subordine, kompla jargumenta l-attur, it-trieq hi tal-Gvern in forza ta' preskrizzjoni akkwiżitiva bażata fuq il-pussess triġenarju, jekk mhux *immemorjali*;

Ikkunsidrat, fuq l-ewwel parti tat-teżi ta' l-attur;

Skond l-art. 364 tal-Kodiċi *Ċivili* (Kap. 23 Ediz. Riv.), il-beni vakanti huma tal-Kuruna;

In-"nodum juris" huwa x'inhuma "beni vakanti";

*Id-dispożizzjoni* tal-Kodiċi Malti ġiet introdotta fis-sistema malti mill-leġislatur Sir Adrian Dingli, li fin-Notamenti tiegħu relativi għal *dan* l-artikolu, qal hekk :— "Fr. 539 — Sic. 464 — Non lo trovo in altri. In tutti si fa la distinzione fra beni dello Stato e beni Comunali, che a noi è inapplicabile. Nel Diritto Romano, i beni vacanti potevano essere prescritti, sebbene le cose del fisco non lo potevano";

*Għandu jiġi notat li*, *mentri* l-*artikolu* tal-*Kodiċi* Malti jgħid sempliċement li l-beni vakanti huma tal-Kuruna, bla *ebda* aġġunta jew kelma oħra, dawk tal-Kodiċi Franċiż u Sikulu fihom kliem oħra. L-art. 539 tal-Kodiċi Franċiż, fil-versjoni *taljana*, *jgħid* hekk :— "Tutti i beni vacanti e senza padrone, e quelli delle persone che muoiono senza eredi, o le cui eredità sono abbandonate, appartengono al demanio pubblico". L-art. 464 tal-Codice delle Due Sicilie jirriproduċi kelma b'kelma d-dispożizzjoni *franċiża*;

Għalkemm fil-komment ta' Dingli hemm il-kliem "*non* la trovo in altri", eppure fil-Kodiċi ta' Parma tal-1820, fl-*art.* 397, kien *jingħad hekk* :— "Appartengono allo Stato...... i beni vacanti e quelli delle persone che muoiono senza eredi, o *le cui eredità* sono abbandonate". U fil-Kodiċi tas-Sardegna tal-1837, fl-art. 431, jintqal :— "Il disposto degli articoli ...... non è applicabile alle ...... nè ai beni vacanti, o provenienti da successioni senza eredi, od abbandonate ......";

Il-beni vakanti, *skond* diversi awturi, għandhom jiġu distinti mill-beni "nullius"; għax mentri dawn, kontemplati fil-Kodiċi Malti, fl-art. 598 Kap. 23, *huma* kapaċi ta' okkupazzjoni, il-beni vakanti ma humiex suġġetti għad-dritt ta' l-ewwel okkupant. Difatti, il-Marcadè jgħid (Vol. 4, paġ.

71);— "Questo articolo, attribuendo allo Stato tutti i beni vacanti e senza padrone, e così rigettando il diritto del primo occupante ......";

Dippjù, ir-"res nullius" ma kienet qatt ta' ħadd, mentri skond il-kommentaturi franċiżi, "biens vacants et sans maître", huma dawk "dont les anciens proprietaires sont décidés ou ont disparu, et dont personne n'est plus admis à réclamer la proprieté" (Aubry et Rau, Vol. II);

Il-Merlin (Rep. Giurisprudenza) jgħid :— "Beni Vacanti — Son quelli il di cui padrone non è conosciuto, e che perciò vengono riputati non appartenenti ad alcuno. Tali sono i beni derelitti, i fondi deserti, ecc.";

Il-komment tal-Laurent (Vol. VI, para. 39, p. 43) huwa forsi aktar prattiku, u hu f'dan is-sens :— "Il principio degli articoli 539 e 713 si applica agli immobili quando ve ne ha di vacanti; il che non può accadere che nelle grandi calamità, la peste o la guerra ...... Perchè vi sia luogo al principio, bisogna supporre che un proprietario abbandoni un immobile con intenzione di non averlo più ...... il che non accadrà nelle nostre società moderne, in cui gli uomini sono sì avidi di proprietà ......";

Hu ta' min jinnota, intant, li l-Baudry (Success. Vol. I, p. 9), fil-kommenti tiegħu dwar dan l-artikolu 539 tal-Kodiċi Franċiż, u dwar l-artikolu 713 ta' l-istess Kodiċi, li "servatis servandis" jikkorrispondu għall-artikoli 598 u 870 tal-Kodiċi Malti, jinklina li jirritjeni li dawn iż-żewġ artikoli "riguardano esclusivamente le successioni vacanti". U l-Pothier, mill-kliem li juża, pjuttost jidher li kellu din l-idea f'moħħu, għax (Tratt. Tomo III, p. 10) jgħid hekk :— "Anche i beni vacanti di una persona che non lascia eredi non appartengono propriamente ad alcuno; ma i particolari non hanno perciò diritto di impadronirsene, avendolo il solo fisco esclusivamente ad ogni particolare";

Il-kommenti li jagħmel il-Giordano dwar l-art 464 tal-Codice delle Due Sicilie, identiku għal dak franċiż (p. 194), hu interessanti; għax, milli jidher, hu jassimila l-beni vakanti għar-"res nullius" tad-Dritt Ruman, fejn jgħid :— "Siffatto articolo parla delle proprietà vacanti che i Romani riconob-

bero sotto il nome di 'res nullius'..............". Biss jeskludi d-dritt ta' okkupazzjoni ghar-rigward taghhom, fejn ighid :— "Quindi la nostra *legislazione* non riconosce, come il diritto antico, quella "adprehensio rerum corporalium" di qualsiasi del popolo, ma tutto ciò che potrebbe *ritenersi* cosa 'nullius' *si devolve di dritto* a favore dello Stato" ;

Fid-Dritt Ruman, il-koncett ta' beni vakanti kien dak espost mil-Haimberger (*Trattat tad-Dritt* Ruman, tradott mittedesk minn Dr. Casimiro Bosio), para. 82, paġ. 46, b'dawn il-kliem :— "Le cose vacanti sono quelle che, o non furono mai *proprietà di alcuno, e* cessarono di essere contro la volontà del proprietario, senza che però sieno passate in dominio di altri ('res nullius stricte tales'), *o* alle quali il proprietario *rinunziò* senza cedere ad un terzo il suo dominio sovr'esse". Din id-definizzjoni ghandha dawn il-preġji : tiddefinixxi l-kelma 'vakan*ti*' "*ut sic*" bla ebda kelma ohra amplifikativa, ċjoè tiddefenixxi l-beni vakanti, kif huma fid-dispożizzjoni tal-Kodiċi Malti; u dippjù, hi bażata fuq testi ta' l-Istituz*zjoni* tad-Dritt Ruman, ċitati in kalċe mill-Haimberger. L-anqas ghandu jintnesa li fl-Annotazjoni ta' Dingli fuq riportata hemm imsemmi *d-Dritt* Ruman, vwoldiri li dan id-Dritt kien fi hsiebu meta vverga d-dispożizzjoni ta' l-art. 364 ; kif l-anqas ghandu jintnesa li hu prinċipju tradizzjonali tas-*sistema malti li d-Dritt Ruman* hu l-"Jus Commune" li ghalieh jistghu jirrikorru t-tribunali fejn ma hemmx dispożizzjoni interpretativa *lokali* (App. "De Piro vs. Grech Delicata", 7 ta' Jannar 1885) ;

Issa, f'dan il-każ jirriżulta li ċertu Salvatore Baldacchi*no, b'kuntratt tan-Nutar Giuseppe Parodi tat-30 ta' Gunju* 1862 (fol. 79), xtara s-sît hemm indikat minn ghand ċerti Grant, u fost *kondizzjonijiet* ohra obliga ruhu b'dan il-mod :— "Più, che il detto compratore si obbliga a sue spese formare la metà della strada, o quella parte di strada indicata *dal detto Perito* Bonavia nella *suddetta inserta pianta*, e nel modo ivi designata secondo l'arte" ;

B'kuntratt tan-*Nutar* Pietro Mifsud tad-19 ta' Diċembru, 1884 (fol. 64), l-armla u l-eredi ta' dan Baldacchino bieghu lil Dr. Achille Mamò l-fondi in parola (Villa Belveder). Il-

parti tat-triq, li kellha tiġi formata minn Baldacchino skond l-att Parodi, ma gietx kompriża fit trasferiment; cjoè ma ssemmietċ ħlief bħala waħda mill-konfini; u kif ġie ritenut fil-ġurisprudenza lokali (ara P.A. "Gatt vs. Sant Fournier" 3 ta' Marzu 1902, u P.A. "Mifsud vs. Gauci, 18 ta' Jannar 1936), "fil-bejgħ ta' fond ma tingħaddx bħala trasferita wkoll biċċa mit-trieq privata li tkun tmiss miegħu, kemm il-darba fl-att tat-trasferiment ma jingħadx ċar u tond li biċċa mit-triq hi trasferita wkoll, għalkemm it-trieq tkun isservi biex minnha wieħed jgħaddi għall-fond mibjugħ". L-attur akkwista minn għand is-suċċessuri ta' Dr. Achille Mamo (xhieda tiegħu fol. 19). Għalhekk din il-biċċa trieq ma hix beni li qatt ma kellha padrun. Bl-att Parodi sar padrun tagħha Salvatore Baldacchino, u bit-trasferiment favur Dr. Achille Mamo s-suċċessuri jew aventi kawża ta' Salvatore Baldacchino ma żvestewx ruħhom mill-proprjetà ta' dik il-parti tat-trieq;

Issa, skond dak li ġie espost dwar is-sinifikat tal-kelma "vakanti", ċert hu li din il-biċċa trieq ma tistax titqies vakanti għax qatt ma kellha padrun dirett; infatti, l-ewwel kienu padruni tas-sît ċerti Grant, imbagħad sar padrun tagħha Salvatore Baldacchino, li fetagħha, kif jidher anki mill-kliem tas-sentenza li kopja tagħha hemm fol. 40 (ara l-ewwel para. fol. 30);

L-anqas jidher li tista' titqies vakanti għax ġiet abbandunata l-proprjetà tagħha. Infatti, l-attur ma ta ebda prova soddisfaċenti ta' dan l-abbandun, u dippjù ta' abbandun tali li jabdika d-dominju tal-ħaġa (ara b'analoġija "Jones vs Spiteri", 19 ta' Jannar, 1858, col. Ia. paġ. 25, Kollez.). Ma hemm ebda prova li tista' tikkonvinċi l-Qorti li s-suċċessuri jew aventi kawża ta' Salvatore Baldacchino ma jeżistux aktar, jew, jekk jeżistu, li huma riedu jabdikaw il-proprjetà tat-triq. Il-fatt sempliċi li wieħed ma jafx jekk jeżistux jew le ma hux biżżejjed biex il-Qorti tiġi għall-konklużjoni li t-trieq hi issa beni vakanti li jmissu lill-Kuruna. Mhux biżżejjed, u mhux korrett, li wieħed faċilment jippreżumi li s-sid hu, fil-komment ta' Aubry et Rau, "disparu", sempliċement għax ma jafx min hu, jew li jippreżumi, fuq bażi ta' xejn, li,

fl-istess komment, ma hemm ħadd intitolat jirreklama l-proprjetà. Il-fatt li ħadd ma gie l-quddiem biex jirreklama l-proprjetà tat-trieq—apparti dan stess jirriżultax jew le—ma hux biżżejjed; għax partikolarment "in subjecta materia", meta jkun hemm kawża pendenti fil-*Kriminal* fuq il-manutenzjoni ta' trieq, ma hu xejn stran li s-sid ma jurix ruħu biex jeħles mill-obligazzjoni tal-manutenzjoni. Ma jidherx loġiku li t-tribunal jikkonġettura l-ineżistenza jew l-assoluta irreperibilità tas-sidien, meta l-istess liġi, f'materja analoga, bħall-istitut ta' l-assenza, teżiġi tant u tant kawteli qabel ma tagħti l-pussess tal-beni ta' l-assenti;

Għalhekk l-attur ma laħaqx il-prova li din il-biċċa trieq hi beni vakanti li għaddiet favur il-Gvern konvenut;

Ikkunsidrat;

L-attur ġieb anki l-quddiem l-argument li l-Gvern hu s-sid tat-trieq, għax it-trieq hi waħda minn dawk li jissejħu "vicinales";

Dan l-argument, però, mhux sostenibili. Anki jekk it-trieq in kwistjoni, in vista tal-ġjaċitura topografika tagħha, fis-sens li ma hijex dik li fil-*ġurisprudenza in materja* ssejħet "un grande tronco della viabilità", imma hija biss vejikolu li jiffaċilita l-kommunikazzjoni ma' toroq prinċipali, tiġi kunsidrata bħala trieq "viċinali" skond id-distinzjonijiet tat-toroq fid-Dritt Ruman, adottati dawn id-distinzjonijiet fil-ġurisprudenza maltija (App. Krim. "Pul. vs. Micallef", 3 ta' April 1937, Vol. XXIX-IV-673, *u sentenzi oħra fiha ċitati*), hu ċert li, fil-Liġi Rumana, trieq viċinali kienet tkun preżunta proprjetà ta' l-Istat biss fil-każ li ma jirriżultax li oriġinarjament kienet kostruwita "*ex agris privatorum*"; altrimenti "privatae, non autem publicae, censentur, quatenus exstat memoria quod ex adiacentibus privatorum agris conflatae sint.........". *U f'dan il-każ preċiżament* jirriżulta mill-attijiet notarili eżibiti li din it-trieq saret "ex agris privatorum";

L-attur ipprova anki *jsostni l-assunt tiegħu* billi jargumenta li t-trieq hi tal-Gvern għax dan għamel fiha ċerti xogħolijiet, bħal ma huma l-kommunikazzjonijiet tad-drenaġġ u ta' l-ilma;

Iżda anki dan l-argument ma hux validu. Bħala trieq viċinali, Bay Street hija suġġetta għal servitù publika ta' transitu u użu, u l-Gvern, għalhekk, għandu d-dritt jagħmel, mhux "jure gestionis", imma "jure imperii", dawk ix-xogħlijiet li jeħtieġu fl-interess tal-publiku (Appell Kriminali, "Pulizija vs. Desira", 12 ta' Jannar, 1924, Vol. XXV, p. 992). L-oneri tat-trieq jibqa', però, fuq il-privat, għax it-trieq tibqa' tiegħu. "La legge", intqal minn din il-Qorti fis-sentenza "Fava vs. Portelli", 12 ta' Diċembru, 1919, Kollez. Vol. XXIV-I-260), "*considera che il privato, contribuendo il proprio suolo alla formazione di una strada che egli apra al pubblico, voglia assoggettarla alla servitù di transito pubblico, e conservandone la proprietà ne ritieni gli oneri subordinatamente alla servitù che ha voluto creare*";

Ikkunsidrat, fuq it-tieni parti tat-teżi ta' l-attur, ċjoè dwar li l-Gvern sar sid din it-trieq bil-preskrizzjoni;

Din il-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti li ma jistax ikun hemm kwistjoni ta' akkwist *tat-trieq* bi preskrizzjoni akkwiżitiva mill-parti tal-Gvern, meta dan qatt ma ppretenda, u mhux qiegħed jippretendi, li akkwista t-trieq. L-użukapjoni ma tistax tiġi mposta fuq il-parti li ma tridhiex u ma hijiex qegħedha tirreklamaha. F'dan is-sens hi d-dottrina kważi unanimi. L-appellant iċċita l-Pugliese (Prescriz. Acquisitiva) bħala *ta' avviż kuntrarju għar-Ricci, ċitat* mill-Ewwel Qorti. Iżda ma jidherx li l-Pugliese hu kontra dan it-tagħlim; għax fil-Capitolo V, para. 62, paġ 130, Edizzjoni ta' l-1889, jgħid hekk :— "*Certo il legislatore li avrà tenuti nel debito conto, perchè non poteva dimenticare o conculcare i riguardi dovuti ad una coscienza scrupolosa ed imporre un acquisto a chi non abbia la volontà di acquistare*". Dan l-awtur anzi jikkritika t-Troplong, għax dan iċċensura *l-kontradizzjoni* apparenti bejn il-prinċipju li l-preskrizzjoni topera "di pieno diritto" u l-ieħor li hemm bżonn li tiġi allegata; u l-Pugliese qal :— "La necessità di allegarla ...... non altera cotale efficacia"; ywoldiri l-effikaċja ta' l-"usucapione di pieno diritto" (idem, paġ. 135, tarf tal-para. 63);

Il-Laurent (para. 173 Vol. XXXIII, Ediz. 1904), għalkemm ma jidherx li jikkonċilja ż-żewġ prinċipji fuq imsem-

mijin, jgħid però :— "In altri termini, la prescrizione non agisce di pieno diritto, ma deve essere opposta da chi intende invocarla";

Del resto, l-art. 2216 tal-Kodiċi Malti hu ċar biżżejjed, filli juri li, biex il-Qorti tagħti effett għall-preskrizzjoni, jeħtieġ li tiġi allegata mill-parti interessata;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell ta' l-attur u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur sokkombent;

Tirrimetti l-proċess lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni fuq l-ewwel domanda.